32006D0301

L 112/13 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 26.4.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' April 2006

li tagħlaq il-proċedura ta' l-*antidumping* fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' l-alkoħol etiliku li joriġina fil-Gwatemala u l-Pakistan

(2006/301/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

(1) Fis-26 ta' Mejju 2005, permezz ta' avviż ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2], il-Kummissjoni ħabbret il-ftuħ ta' proċedura ta' l-*antidumping* fir-rigward ta' l-importazzjoni fil-Komunità ta' alkoħol etiliku li joriġina fil-Gwatemala u l-Pakistan, kemm jekk denaturat kif ukoll jekk le, b'qawwa alkoħolika ta' 80 % vol jew aktar, normalment iddikjarat taħt il-kodiċi NM 2207 10 00 u ex 2207 20 00.

(2) Il-proċedura ta' l-*antidumping* infetħet, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, wara li sar ilment fil-11 ta' April 2005 mill-Kumitat ta' Produtturi ta' Etanol Industrijali ta' l-Unjoni Ewropea (il-"kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon maġġuri, f'dan il-każ aktar minn 30 % tal-produzzjoni ta' l-alkoħol etiliku fil-Komunità.

(3) L-ilment kif fih evidenza *prima facie* ta' l-eżistenza ta' *dumping* tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun ġustifikat il-ftuħ tal-proċeduri.

(4) Il-Kummissjoni uffiċjalment tat parir lill-produtturi esportaturi fil-Gwatemala u l-Pakistan, importaturi/kummerċjanti, fornituri u utenti magħrufa bħal interessati, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi kkonċernati, il-kwerelant u l-produtturi Komunitarji magħrufa kollha l-oħra bil-ftuħ tal-proċedura. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jwasslu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' ftuħ u ntbagħtu kwestjonarji lill-partijiet kollha interessati.

B. **IRTIRAR TA' L-ILMENT U GĦELUQ TAL-PROĊEDURA**

(5) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Jannar 2006 u indirizzata lill-Kummissjoni, il-kwerelant formalment irtira l-ilment tiegħu. Skond il-kwerelant, dan l-irtirar irriżulta mill-bidla sinifikanti ta' dan l-aħħar fis-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi dwar l-alkoħol etiliku li joriġina fil-Pakistan. Skond il-kwerelant, minkejja li dan ma eliminax il-prassi ta' *dumping*, għen b'mod sinifikanti sabiex jitnaqqsu l-volumi kbar u ta' ħsara mill-Pakistan lejn il-Komunità. Peress li d-*data* dwar il-ħsara fl-ilment kienet imsejsa fuq l-effett ikkombinat ta' l-importazzjoni mill-Gwatemala u l-Pakistan, il-kwerelant ħass li l-irtirar ta' l-ilment fir-rigward taż-żewġ pajjiżi kien possibiltà ta' azzjoni raġjonevoli f'dan il-waqt.

(6) Skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċedura tista' tingħalaq meta jiġi rtirat l-ilment sakem għeluq bħal dan ma jmurx kontra l-interess Komunitarju.

(7) Il-Kummissjoni qieset li l-proċedura attwali għandha tintemm peress li l-investigazzjoni ma tefgħet l-ebda dawl fuq il-possibiltà li dan l-għeluq imur kontra l-interess Komunitarju. Il-partijiet interessati ġew infurmati kif jixraq u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Madankollu ma waslu lura l-ebda kummenti li setgħu biddlu din id-deċiżjoni.

(8) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-proċedura kontra d-dumping li tikkonċerna l-importazzjoni fil-Komunità ta' alkoħol etiliku li joriġina fil-Gwatemala u l-Pakistan għandha tingħalaq mingħajr ma l-impożizzjoni ta' miżuri ta' l-*antidumping*,

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU C 129, 26.5.2000, p. 22.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-proċedura ta' l-*antidumping* fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' alkoħol etiliku li joriġina fil-Gwatemala u l-Pakistan, kemm jekk denaturat kif ukoll jekk le, b'qawwa alkoħolika ta' 80 % vol jew aktar, normalment iddikjarat taħt il-kodiċi NM 2207 10 00 u ex 2207 20 00 b'dan hija magħluqa.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membru tal-Kummissjoni